**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**bhala Qorti ta'Ġudikatura Kriminali**

**Il-Pulizija**
(**Spettur John Spiteri u**
**Spettur Robert Vella)**

**vs**

**Olena Lekiashvili**

**Illum, 31 ta' Mejju 2017,**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra:

**Olena Lekiashvili,** imwielda l-Ukrajna nhar l-24 ta' Gunju, 1982, u residenti f'post mhux maghruf u detentrici ta' passaport b'numru ES459273

Akkuzata talli:

nhar it-30 ta’ Mejju, 2017 u matul ix-xhur ta’ qabel din id-data, f’dawn il-Gzejjer, b’diversi atti maghmulin minnha, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda, zammet jew ezercitat jew kellha sehem ma’ ohrajn fl-ezercizzju ta’ burdell jew ta’ dar, hanut jew lokali ohra jew ta’ xi parti minnhom li huma ffrekwentati jew maghduda bhala li huma ffrekwentati ghal skop ta’ prostituzzjoni jew ghal skopijiet ohra immorali.

Akkuzata aktar talli:

nhar it-30 ta’ Mejju, 2017, ghall-habta tal-hamsa ta’ filghaxija, ikkagunat offiza ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ Anastasia Dobribors, hekk kif iccertifika Dr. K. Abdalla Med Reg 3867 tal-isptar Mater Dei.

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex joghgobha tohrog ordni ta’ protezzjoni ai termini tal-artiklu 412 (C) tal-Kap 9 tal-ligijiet ta’ Malta, kemm waqt il-mori tal-kawza kif ukoll f’kaz ta’ htija ma’ kull piena li l-Qorti jidhrilha xierqa fil-konfront ta’ Anastasia Dobribors u l-membri familjari taghha.

Semghet l-ammissjoni tal-imputata;

Tat zmien ragonevoli lill-imputata sabiex tirrikonsidra l-ammissjoni taghha;

Rat li waqt l-udjenza tal-lum mizmuma minn din il-Qorti l-imputat Elena Crudu regghet affermat l-ammissjoni taghha anke wara li l-Qorti taghtha zmien tirrikunsidra l-posizzjoni taghha;

Rat il-verbal tal-udjenza tal-lum stess;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena;

Ikkunsidrat:

Illi stante ammissjoni l-akkuzi jirrizultaw pruvati u ghaldaqstant il-Qorti ma tistax hlief issib htija fl-imputata;

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikolu 8 tal-Kapitolu 63 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 221 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, wara li kkunsidrat l-ammissjoni bikrija tal-imputata, fuq ammissjoni ssib lill-imputata hatja tal-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundannaha sentejn prigunerija sospizi ghal erba' snin.

Inoltre, l-Qorti tohrog Ordni ta’ Protezzjoni ghal zmien sena mil-lum ghas-sigurtà ta’ Anastasia Dobribors fit-termini tal-artikolu 412C bl-obbligazzjoni tal-imputata.

Il-Qorti spjegat lill-imputati fi kliem car l-import ta’ din is-sentenza.

***(ft) Magistrat Dr. Monica Vella LL.D, M. Jur.***

(ft) Angelo Buttigieg
Deputat Registratur